TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/17/16/S

Kirsten Cassar
Vs
Clint Abela ezercenti l-kummerc bhala Mobile Stop

Illum 6 t'Ottubru,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Kirsten Cassar ipprezentata fl-20 ta'Jannar,2016 u r-risposta ta' Clint Abela ezercenti l-kummerc bhala Mobile Stop ipprezentata fit-12 ta'Frar,2016;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet kif ukoll it-trattazzjoni taghhom maghmula fis-7 ta'Lulju,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'mobile' li wara sena minn meta inxtara, ittiehed l-ewwel darba ghand l-intimat ghax ic-'charging port' ma kinitx qed tahdem. Minn hemmhekk il-'mobile' kompla jaghti problemi lir-rikorrent. Min-naha tieghu l-intimat ikkontenda li l-problema kienet kawza ta' "corrosion";

Illi jinghad mal-ewwel li l-'mobile' hadem tajjeb ghal sena u kien biss wara dan il-perjodu li l-'mobile' beda' jaghti problemi lir-rikorrent;

Illi l-intimat sostna li l-hsara fil-'mobile' kienet kawza ta' "corrosion" u ghalhekk giet eskluza l-garanzija;

Illi mix-xhieda jirrizulta li l-intimat ghamel hiltu biex jirranga l-'mobile' tar-rikorrent u ma zamm ebda hlas kull darba li r-rikorrent ha l-'mobile' ghandu;

Illi ghandu jittiehed in kunsiderazzjoni it-trapass taz-zmien minn mindu l-oggett inxtara u meta sar l-ewwel ilment mir-rikorrent;

Illi dan it-Tribunal hu tal-fehma li tenut kont dak fuq inghad, inkluz izda mhux biss, tat-trapass taz-zmien mix-xiri tal-oggett, it-talba tar-rikorrent ghar-rifuzjoni tal-prezz kollu, hi wahda mhux pruvata;

Ghaldaqstant wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba tar-rikorrent Kirsten Cassar filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat Clint Abela ezercenti l-kummerc bhala Mobile Stop, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070